ippreżentat minn dan l-att, mingħajr ma tkun tista' tirrinvija l-kawża quddiem l-awtorità amministrattiva sabiex il-kawża tingħalaq skont ir-regoli?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6 p. 3.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia- grad (il-Bulgarija) fil-21 ta' Jannar 2013 — Global Trans Lodzhistik OOD vs Nachalnik na Mitnitsa Stolichna**

**(Kawża C-30/13)**

(2013/C 108/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad Sofia — grad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Global Trans Lodzhistik OOD

*Konvenut:* Nachalnik na Mitnitsa Stolichna (Direttur tad-dwana tal-kapitali)

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikou 243(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 [1] tat-Kunsill, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, moqri flimkien mal-Artikolu 245 tal-Kodiċi u l-prinċipji tad-drittijiet tad-difiża u tal-awtorità ta' *res judicata* jippermettu leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-Artikoli 220 u 211(a) tal-liġi Bulgara dwar id-dwana (Zakon za mitnitsite), li jgħid li diversi deċiżjonijiet ta' awtorità doganali, li jinnotifikaw żieda fid-dejn doganali, sabiex jiġi rkuprat sussegwentement, inkluż meta l-adozzjoni ta' deċiżjoni definittiva fis-sens tal-Artikolu 181a(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2454/93 [2], tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2913/92, huwa konċepibbli fil-kawża prinċipali, għall-finijiet tan-notifika tal-imsemmija żieda?

(2) L-Artikolu 243(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92, dwar id-dritt ta' appell, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa ma jissuġġettax l-ammissibbiltà ta' appell kontra deċiżjoni definittiva, fis-sens tal-Artikolu 181a(2) tar-Regolament (KE) Nru 2454/93, għall-eżerċizzju ta' stħarriġ amministrattiv, bħala kundizzjoni vinkolanti?

(3) L-Artikolu 181a(2) tar-Regolament (KE) Nru 2454/93 għandu jiġi interpretat, fid-dawl tal-fatti tal-kawża prinċipali, fis-sens li meta l-proċedura prevista f'din id-dispożizzjoni ma ġietx osservata rigward id-dritt għal smigħ u d-dritt li jitqajmu oġġezzjonijiet, id-deċiżjoni meħuda mill-awtorità doganali bi ksur ta' dawn ir-regoli ma tikkostitwixxix deċiżjoni finali fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, iżda hija biss parti mill-proċedura tal-adozzjoni tagħha? Sussidjarjament, din l-istess dispożizzjoni għandha tiġi interpretata, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, fis-sens li d-deċiżjoni meħuda fil-preżenza tal-ksur proċedurali msemmi iktar 'il fuq tista' tkun suġġett ta' appell quddiem qorti li hija obbligata tiddeċiedi fuq il-mertu?

(4) L-Artikolu 181a(2) tar-Regolament (KE) Nru 2454/93 għandu jiġi interpretat, fid-dawl tal-fatti fil-kawża prinċipali u tal-prinċipju ta' legalità, fis-sens li meta l-proċedura prevista minn din id-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq ma ġietx osservata rigward id-dritt għal smigħ u d-dritt li jitqajmu oġġezzjonijiet, id-deċiżjoni meħuda minn awtorità doganali bi ksur ta' dawn id-drittijiet hija nulla minħabba vizzju ta' proċedura sostanzjali, ekwivalenti għall-ksur sostanzjali, li l-ksur tiegħu jwassal għan-nullità tal-att indipendentement mill-konsegwenzi reali tal-ksur, peress li l-qorti adita hija obbligata li tiddeċiedi fuq l-appell li jsir kontra tali att, mingħajr ma hemm il-possibbiltà li l-kawża tiġi rrinvjata lill-awtorità amministrattiva sabiex il-kawża tingħalaq skont ir-regoli?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Germanja) fid-29 ta' Jannar 2013 — Martin Grund vs Landesamt für Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein**

**(Kawża C-47/13)**

(2013/C 108/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Martin Grund

*Konvenut:* Landesamt für Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein

*Intervenjent:* Der Vertreter des Bundesinteresses beim Bundesverwaltungsgericht

**Domanda preliminari**

Art agrikola hija mergħa permanenti fis-sens tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament ([1]), jekk bħalissa u għal mill-inqas ħames snin ilha tintuża' sabiex jitkabbru ħxejjex jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix, iżda matul dan il-perijodu, l-art f'din iż-żona inħartet u minflok l-għalf fil-forma ta' ħaxix preżenti (f'dan il-każ silla) ġie miżrugħ għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix (f'dan il-każ ħaxix li jinħarat), jew dan huwa każ ta' rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba li tipprekludi l-klassifikazzjoni bħala mergħat permanenti?

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Central Administrativo Norte (il-Portugall) fl-4 ta' Frar 2013 — Marina da Conceição Pacheco Almeida vs Fundo de Garantia Salarial, IP, Instituto da Segurança Social, IP**

**(Kawża C-57/13)**

(2013/C 108/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Central Administrativo Norte

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Marina da Conceição Pacheco Almeida

*Konvenut:* Fundo de Garantia Salarial, IP, Instituto da Segurança Social, IP

**Domanda preliminari**

Id-dritt tal-Unjoni, fil-kuntest konkret tal-garanzija tal-krediti salarjali fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega, b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 10 tad-Direttiva 80/987/KEE ([1]), għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tiggarantixxi biss il-krediti li saru eżiġibbli fis-sitt xhur ta' qabel il-preżentata ta' rikors sabiex tiġi kkonstatata l-insolvenza tal-persuna li timpjega anki meta l-ħaddiema jkunu ressqu kawża quddiem it-tribunal industrijali kontra min jimpjeghom sabiex jiksbu l-iffissar ġudizzjarju tal-ammont mhux imħallas u l-irkupru forzat ta' dan l-ammont?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati f'każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 217).

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Frar 2013 — Il-Parlament Ewropew vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-65/13)**

(2013/C 108/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Tamás u J. Rodrigues, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2012 li tapplika r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg u l-istabbiliment mill-ġdid tal-EURES;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha għall-annullament, il-Parlament Ewropew iqajjem motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Billi adottat id-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni fil-fatt abbużat mill-poteri li taha l-leġiżlatur tal-Unjoni.

L-Artikolu 38 tar-regolament iċċitat iktar 'il fuq ma jagħtix ħlief poteri ta' implementazzjoni lill-Kummisjoni, liema limiti jirriżultaw mill-Artikolu 291 TFUE. Skont il-Parlament, dan l-aħħar artikolu għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix l-adozzjoni tal-atti ta' portata ġenerali li jikkompletaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv. Huma biss l-atti leġiżlattivi jew atti delegati fis-sens tal-Artikolu 290 TFUE jistgħu jikkompletaw l-elementi mhux essenzjali ta' att bażiku.

Issa, l-att adottat mill-Kummissjoni, peress li jiġi analizzat f'att ta' implementazzjoni fis-sens tal-Artikolu 291 TFUE, jikkompleta wkoll ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (UE) Nru 492/2011. Għaldaqstant, il-Parlament ikkunsidra li, jekk huwa neċesarju li jiġu kkompletati l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (UE) Nru 492/2011, il-Kummissjoni kellha d-dmir li fl-assenza ta' poter li tadotta atti delegati fis-sens tal-Artikolu 290 TFUE, tissottometti lil-leġiżlatur abbozz leġiżlattiv li tikkompleta jew tbiddel l-att bażiku.

([1]) Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, p. 1).